## QORTI CIVILI (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF
## ROBERT G. MANGION

## Illum 31 ta' Ottubru 2017

Rikors Guramentat Nru. 158 / 15RGM

Kawza fil-lista: 6

**AB C**
**vs**
**D *sive* E C**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat pprezentat mill-attrici li permezz tieghu ppremettiet u talbet is-segwenti:-

1. Illi l-partijiet, AB C, u D sive E C, izzewgu nhar is-seba' (7) ta' Novembru, elf disa' mija tmienja u disghin (1998), fil-Knisja tal-Madonna tal-Grazzja, Haz-Zabbar;

2. Illi minn dan iz-zwieg twieldet tifla wahda: Lisa C illi ghadha minuri;

3. Illi l-hajja konjugali ta' bejn il-kontendenti saret impossibbli minhabba fl-inkompatibbilita, ta' kraratttru, kif ukoll minhabba f'servigi, theddid u ingurja gravi da parti tal-intimat;

4. Illi z-zewg partijiet jiffacjaw diffikulta' relatati ma' nuqqas ta' smigh;

5. Illi l-intimat qieghed jirrifjuta illi jkollu kwalsiasi tip ta' access ghat-tifla minuri Lisa C;

6. Illi r-relazzjoni ta' bejn l-attrici u binthom Lisa versu l-intimat hija difficli hafna, kif jixhdu l-erba' rapporti tal-pulizija;

7. Illi l-esponenti giet awtorizzata li tintavola dawn il-proceduri permezz ta’ Digriet ta’ din l-Onorabbli Qorti datat l-1 ta' Gunju, 2015;

8. Illi f’dawn il-proceduri l-Avukat Dr. Sirnon Micallef Stafrace u l-PL Hilda Ellul Mercer gew, assenjati bhala l-Avukat u l-Prokuratur Legali tal-esponenti. L-esponenti qed tuzufruwixxi mis-servizz tal-ghajnuna legali;

Ghaldaqstant jghid ghalhekk l-intimat ghaliex m’ghandux:

1. Tigi pronunzjata s-separazzjoni personali premessi bejn il-kontendenti konjugi ghar-ragunijiet imputabbli lill-intimat ta'servigi, theddid u ingurja gravi kontra l-esponenti;

2. Tiddikjara li l-intimat iddekada minn kull jedd ghall-manteniment tieghu skond il-ligi;

3. Tiddikjara xjolta l-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejn il-kontendenti u tordna li l-istess oggetti formanti parti mill-komunjoni tal-akkwisti jigu maqsurna f’zewg porzjonijiet li jigu assenjati lill-kontendenti, liema porzjonijiet ghandhom jigu komposti billi tigi stabbilita data bhala d-data meta l-intimat jigi ikkonsidrat li jkun hati tal-firda b’tali mod li hu jitlef kull jedd ghal kull akwist maghmul bil-hila tal-esponenti skont il-ligi, u dan okkorrendo b’opera ta' perit nominandi sabiex jillikwida l-istess komunjoni, u billi jigi nominat nutar sabiex jircievi l-att relattiv kif ukoll kuratur biex jirraprezenta lill-eventwali kontumacja fuq l-istess att;

4. Takkorda manteniment xieraq skond il-ligi ghall-minuri u ghall-esponenti u tordna illi l-arretrati ta' l-istess manteniment jigu mhallsa mill-konvenut ghall-esponenti;

5. Tiddikjara illi l-fond 42, Marluk, Triq il-Merhba, Fgura huwa propjeta' parafernali tal-attrici;

6. Tawtorizza lill-attrici tabita fil-fond 42, Marluk, Triq il-Merhba, Fgura flimkien mal-minuri ad eskluzjoni tal-intimat;

7. Tapplika kontra l-intimat interament jew in parti d-disposizzjonijiet tal-Artikoli 48 sa 53 tal-Kodici Civili [Kap. 16 tal-Ligijiet ta’ Malta];

8. Tohrog ordni ta' protezzjoni kontra l-intimat a favur l-esponenti u l-minuri sabiex tipprotegi s-sigurta' tal-esponenti u l-minuri, ai termini tal-Artikolu 39 tal-Kodici Civili (Kap. 16 tal- Ligijiet ta' Malta);

Bl-ispejjez kontra l-intimat ingunt minn issa ghas-subizzjoni.

Rat ir-risposta guramentata tal-konvenut li taqra kif gej:-

1. Illi preliminarjament hemm qbil li ghandha tigi ddikjarata u ppronunzjata s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti, izda ghandu jigi dikjarat li l-htija tat-tkissir taz-zwieg hija imputabbli unikament lir-rikorrenti attrici, u dan kif se jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni ta' din il-kawza;

2. Illi l-kura u kustodja tal-minuri Liza C li llum il-gurnata ghandha erbatax-il sena ghandha tigi fdata f'idejn l-omm, filwaqt li jigi stabbilit hin ta' access ghall-minuri minghand il-missier, u dan dejjem fl-interess tal-minuri;

3. Illi l-esponent ma ghandux jigi obbligat ihallas ir-retta alimentarja pagabbli bhala manteniment lir-rikonenti attrici u dana stante li r-rikorrenti attrici ddekadiet mid-dritt li tippercepixxi manteniment minghand l-esponent u dan ai termini tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

4. Illi r-retta alimentarja pagabbli bhala manteniment mill-esponent intimat ghall-minuri Lisa, ghandu jkun ikkalkolat fuq id-dhul tal-esponent wara li jigi wkoll ikkunsidrat illi l-esponent irid jippartecipa f'nofs il-hlas tal-edukazzjoni kif ukoll tas-sahha tal-minuri;

5. Illi is-salarju tal-esponent huwa limitat stante illi jircievi biss l-ammont ta' seba mija u tnejn u hamsin ewro u erbghin centezmu (€752.40) lix-xahar kif qied jigi anness fil-payslip bhala Dok LDl u ghaldaqstant it-talba sabiex jigi akkordat manteniment xieraq ghall-minuri ghandha tigi kkunsidrata f'dan il-kuntest;

6. Dwar it-tielet talba, hemm qbil illi l-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejn il-kontendenti tigi xjolta izda l-qasma ghandha tibqa fis-sehh sakemm tigi ppronunzjata s-separazzjoni tal-kontendenti;

7. Illi hemm qbil li l-propjeta bin-numru 42, Marluk, Triq Il-Merhba, Fgura tigi assenjata lill-mara u lil minuri izda billi gewwa fiha sar xi tibdil u manutenzjoni minn naha tal-esponent li jammonta ghal sbatax-il elf, erba mija u hamsa u sebghin ewro (€17,475) dan ghandhu jigi rkuprat u ghal kull buon fini r-rikorrenti qeghda tigi mitluba sabiex tressaq dawk il-provi necessarji sabiex turi l-beni allegatament parafernali minn fejn originaw u b'liema fondi gew akkwistati;

8. Illi s-sebgha talba li jigu dikjarati kontra l-esponent il-provvedimenti tal-Artikolu 48 sa l-Artikolu 53 tal-Kap 76, ghandha tigi respinta u dan ghar-ragunijiet li ser jigu ppruvati waqt it-trattazzjoni tal-kaz;

9. Illi l-ammont tal-manteniment gie interrot f'Jannar tas-sena 2015 stante illi l-esponent ma felahx ihallas min-naqra ta' salarju li huwa kellu hekk kif appena ma baqax jinghata l-beneficcju socjali minhabba li jiffaccja diffikultajiet relatati ma' nuqqas ta' smigh;

10. Illi l-esponent jaqbel li ghandhu jhallas l-arretrati jekk jinghata rata mensili sabiex jissetilja l-istess;

11. Illi kien hemm ukoll qbil waqt il-medjazzjoni illi l-garage li fuqu ghad hemm xi pendenzi u li qeghdin jithallsu mill-esponent fuq Loan Account tal-HSBC bin-numru 18027258 ghandu jigi assenjat lill-esponent ad eskluzjoni tar-rikorrenti;

12. Illi dawn il-proceduri ghandhom ikunu a spejjez tar-rikorrenrti u dana stante illi seta facilment jintlahaq kompromess waqt is-seduti tal-medjazzjoni bejn il-partijiet biex jaslu ghal ftehim bonarju ta' separazzjoni personali kieku kien hemm ftit ta' kooperazzjoni miz- zewg nahat.

13. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjez kollha kontra r-rikorrenti.

Rat l-affidavit tal-attrici AB C, u ta' missierha, Mario Micallef, annessi ma' nota pprezentata fit-28 ta' Awissu 2015;

Rat l-affidavit tal-konvenut anness ma' nota pprezentata fid-29 ta' Settembru 2015;

Rat d-digriet ta' din il-Qorti tat-31 ta' Settembru 2015 fejn il-Qorti, 'pendente lite' ordnat lill-konvenut ihallas manteniment ghall-minuri Lisa l-ammont ta' Euro mija u hamsin(€150) kull erba' gimghat b'effett mill-1 ta' Jannar 2015, li jinkludi spejjes ordinarji ta' edukazzjoni u sahha tal-minuri li jizdied kull sentejn skond l-indici tal-gholi tal-hajja u li dan jitnaqqas direttament mis-salarju jew mill-beneficcji socjali li jircevi l-konvenut;

Rat il-verbal registrat fis-seduta tat-3 ta' Dicembru 2015 fejn il-Qorti nnominat lill-Avukat Dottor Kenneth Gulia bhala Assistent Gudizzjarju;

Rat ix-xhieda ta' Ivan Cilia, ghad-Direttur tas-Sigurta' Socjali, u ta' Michelle Mallia, ghall-Ministeru ta' Edukazzjoni u Xoghol, li xehedu fis-seduta tal-11ta' Jannar 2016 mizmuma mill-Assistent Gudizzjarju;

Rat x-xhieda tal-PC 1357 Branton Gilford, mill-Ghassa ta ' Rahal Gdid, u ta' Audrey Ghigo, ghall-HSBC Bank Malta Limited, li xehdu fis-seduta tal-1 ta' Marzu 2016 mizmuma mill-Assistent Gudizzjarju;

Rat ix-xhieda ta' Keith Grima ghal Ventur Auto Imports, u ta' Audrey Ghigo, riprodotta li xehedu fis-seduta tal-20 ta' Mejju 2016, mizmuma mill-Assistent Gudizzjarju;

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tal-attrici pprezentata fl-24 ta' April 2017 u dik tal-konvenut ipprezentata fis-6 ta' Gunju 2017;

Rat il-verbal tas-seduta tal-20 ta' Gunju 2017 fejn il-kawza giet differita ghallum ghas-sentenza.

IL-PROVI.

L-attrici, fl-affidavit taghha mahluf fis-7 ta' Awissu 2015,[1] ikkonfermat li hi u zewgha ghamlu tnax-il sena mizzewgin. Huma kellhom tifla wahda, Lisa. Sena qabel ipprezentat l-affidavit wiehed minn shabu qalilha li meta D kien 'single' kien 'gay'. Hi ddikjarat li ma kienet taf b'xejn dwar dan, pero' kemm ilhom mhux flimkien bdiet tinnota li sar jilbes certu tip ta' hwejjeg dojoq u qosra, tant li darba it-tifla rat lil missierha il-pool 'Splash and Fun' u staht tghid li hu missierha.

Hi tghid li fil-bidu tal-gherusija D kien pjuttost kwiet maghha, pero' wara li zzewwgu u kellhom lit-tifla, Lisa, hu tbiddel kompletament. Sar aggressiv, dejjem irrabjat u lest biex jaqla' argument maghha. Hi tghix fid-dar matrimonjali 42, Marluk, Triq il-Merhba, Fgura, ma' bintha Lisa li illum ghandha erbatax (14) il-sena. It-tifla hi kwieta hafna izda hi mwerwra minn missierha.

D jahdem mal-Gvern bhala cleaner/purtinar, u fil-present qed jahdem fid-Departimnt tal-Edukazzjoni, Floriana bhala cleaner. Hi tghid li D qatt ma kien habrieki ghax-xoghol u jiehu hafna 'sick leave'. Hu hadem bhala purtinar fl-iskejjel taz-Zurrieq, ta' Hal-Kirkop u tal-Fgura. Billi l-ghalliema u l-Head Teachers kienu jggergru fuq ix-xoghol tieghu, hi kienet marret diversi drabi fil-vaganzi tas-Sajf tnaddaf u tahsel. Hi kienet tibza' li hu seta' jitlef l-impieg tieghu. Hu kien ikollu hafna 'complaints' fuq ix-xoghol billi ma kienx jaghmlu sew.

[1] Fol 30 et seq.

Hi tghid li huma dejjem kellhom problema ta' flus. Fil-bidu taz-zwieg D kellu paga ta' sitt mitt liri Maltin (LM 600) fix-xahar, li minnhom kien jaghtiha mitejn liri Maltin (LM200) ghall-htigijiet kollha tal-familja u tat-tifla. Meta dahlet l-Euro flok kompla jaghtiha l-ekwivalenti f'Euro ta' mitejn lira Maltin beda jaghtiha biss mitejn Euro li ovvjament ma kienux sufficjenti ghall-ispejjes li kellha u ghalhekk kienet kostretta li tohrog tahdem. Kienet tmur tahsel ghand in-nies. Huma kienu jircevu ukoll assistenza socjali billi huma t-tnejn torrox. Fil-waqt li hi kienet tuza taghha ghall-htigijiet tal-familja, hu kien jzzomm tieghu u l-kumplament tal-paga ghalih. Hi bil-ftit flus li kellha kienet tixtri dak li hu essenzjali mentri hu kien jaghmel il-kapricci, gieli nefaq mitt lira fuq boots tal-gilda tal-'cowboys' u qatt ma kien jixtri xejn ghad-dar jew ghat-tifla.

Min mindu bdew il-process ta' separazzjoni D beda juza certu kliem dispreggjattiv fuq Facebook fil-konfront taghha u tat-tifla. Dwar dan hi kienet ghamlet rapport lil-Pulizija. Wara dan l-incident kienet 'ibblukkjatu' minn fuq Facebook u xorta wahda shabha qalulha li fuq Facebook kien qed jghid li ma jhobbx lit-tifla u jrid joqtolha biex ma jhallasx manteniment. Anke dwar dan l-incident ghamlet rapport lill-Pulizija.

Darba Lisa kienet sejra d-dar mill-iskola u ltaqghet ma' D li kien hdejn d-dar u dan beda jaghmillha sinjali u mossi li kien ser jaqtala' rasha. It-tifla kienet itterrorizzata u telghet fuq tikbi kemm tiflah. Anke dwar dan l-incident hi ghamlet rapport lill-Pulizija.

Hi u zewgha huma t-tnejn membri tad-'Deaf Club' u diversi membri ta' dan il-club qalu lill-attrici biex toqghod attenta ghax D kien qed jghid li ried joqtol lilha u lil Lisa biex ma jhallasx manteniment ghaliha. Persuna partikolari baghtitilha 'video'dwar dawn il-kliem u l-attrici ghahekk ghamlet rappot lill-Pulizija. Hi toqghod attenta biex lit-tifla ma turiha b'xejn pero'din kienet wahedha tiskopri kif kien qed jirreagixxi missierha. L-attrici saret taf li minhabba l-mod kif kien qed jesprimi ruhhu, kien ser jitkecca mid-'Deaf Club'.

Problema ohra kienet l-fatt li D ma kienx qed jghaddi manteniment ghat-tifla. Hi ppruvat tikkonkludi separazzjoni personali b'kuntratt, izda 'ma D ma tasalx'. Meta kienu jiltaqghu ghall-medjazzjoni fil-Qorti tal-Familja, D kien jibda jsabbat fuq il-mejda u jsir vjolenti, darba waddbilha c-cavetta tal-locker fid-direzzjoni taghha u darba ohra bezzqilha.

Hi spjegat li dar martimonjali 42, Marluk, Triq il-Merhba Fgura hi propjeta' parafernali taghha billi kienet rigal minn ghand il-genituri taghha qabel iz-zwieg, li rregalawlha ukoll zewg kmamar tas-sodda u diversi affarjiet ohra tad-dar. Wara

li zzewgu hadu ‘loan’ ta’ seba’ telef liri Maltin (LM7,000) biex jaghmlu karma tal-banju u xi benefikati ohra zghar. Dan is-self thallas.

Hi tghid li meta D telaq mid-dar ha xi affarjiet: tablet, l-ghodda u l-karozza li nxtrat fiz-zwieg. Kien ha television li kien rigal minn ghand ommu u kien biegh salott li ukoll kien rigal min ghand ommu.

Huma xtraw fiz-zwieg karozza Toyota Vitz ‘second hand’ bil-prezz ta’ xi tmien telef Euro (€8,000). Din l-karozza juzha D u hadha meta telaq. Billi hi kellha bzonn karozza biex twassal lit-tifla, missierha xtralha Toyota Vitz ‘second hand’ li kienet tiswa xi seba’ telef Euro(€7,000). Nofs il-prezz hallsu missierha bhala rigal u n-nofs l-iehor hallsitu hi, billi halset lill-missierha.

Waqt iz-zwieg kienu xtraw garage li jinsab kantuniera ’l boghod mid-dar taghha fil-Fgura, bil-prezz ta’ ghaxar telef u hames mitt lira Maltija (LM10,500). Kienu ssellfu mill-Bank biex xtrawh u ghad hemm xi bilanc dovut lill-Bank. Hi qalet li taf li D ‘tefa il-garage ghal bejgh’.

Mario Micallef, missier l-attrici, fl-affidavit tieghu mahluf fis-7 ta’ Awissu 2015,[2] iddikjara li kien ilu jaf lill-konvenut sittax-il sena; hu u bintu ghamlu sentejn gharajjes u erbatax-il sena mizzewwgin. Fl-opinjoni tieghu D kien bniedem egoist u supperv, ‘mohhu biex jigbed wisq lejh’. Meta kien ikun ghandhom kien jaqbad jiftah il-fridge u jixrob soft drinks kemm jrid, mentri meta kienu jkunu ghandu qatt ma kien joffrilhom drink, tant li MaryB kien jkollha xi tghid mieghu. Kien anke jixrob il-halib tat-tifla, li ma kienet issib xejn meta tirritorna mill-iskola u kien jinqala’ il-glied bejn MaryB u D.

Gieli kienu jmorru t-tlieta li huma bhala familja id-‘Deaf Club’jekk it-tifla titolbu jixtrilha Coca ma kienx jixtrilha u mbaghad kien jixtri lil xi tifel iehor. Anke tad-Deaf club kienu jafuh bhala bniedem supperv u ta’ spiss kien jiggieled ma’ nies ohra tal-club, tant li sema li kien ser jitkecca mill-club.

Kien hemm okkazzjonijiet meta kellmuh xi rgiel li kienu jahdmu mieghu fl-iskola u qalulu li D kien ikun rieqed waqt il-hin tax-xoghol, u bintu MaryB kien ikollha tmur tnaddaf hi l-iskola minfloku. Hu u martu, n-nanniet kienu jzommhulhom it-tifla sakemm ikunu l-iskola.

Kien jiehu ‘sick leave’ ta’ spiss biex ikun jista’ jorqod il-gurnata kollha. MaryB kienet tmur tnaddaf hi fil-holidays ghax kienet tibza li kien ser jitkecca mix-xoghol. Lill-bintu il-konvenut qatt ma kien jaghnnaqha bhal ma jaghmlu genituri

---

[2] Fol 35.

ohra. Lisa illum ghandha erbatax il-sena u tara hi stess fuq facebook il-kummenti ta' missierha li ma riedx jaghtiha flus.

Lit-tifla kien hakimha certu biza tant li hu u l-attrici kienu haduha ghand psikjatra li kienet irrakkomandat li ma juruhiex kollox, pero' dan ma kienx possibbli meta missierha kien 'jippostja' fuq Facebook. It-tifla kienet partikolarment mwerwra wara l-incident fejn missierha, meta kienet gejja mill-iskola, ghamel mossi li kien ser jaqtalha rasha.

Il-konvenut l-anqas ma' hutu ma jingieb, xi uhud minnhom l-anqas ikkellmuh. Wahda minn hutu keccietu mid-dar taghha ghax kien jmur jiekol ghandha b'xejn u kien jmur ghandha fil-kumpanija ta' rgiel ohra.

Hu ddikjara li jiddispjecih ghal Lisa, li kienet qed tbaghti f'din is-sitwazzjoni. Finalment ikkonkluda li sema' li D kien qedd jkun fil-kumpanija tal-irgiel u inbidel anke bil-mod kif sar jilbes.

**D sive E C**, il-konvenut, fl-affidavit tieghu mahluf fid-29 ta' Settembru 2015,[3] ikkonferma li hu u l-attrici martu kienu ilhom tnax-il sena mizzewwgin u ghandhom tifla jsimha Lisa. Hu jghid li hu konvint li hafna nies jahsbu li hu 'gay' mil-mod kif jilbes, pero' jinsisti li hu qatt ma kien 'gay' la qabel ma beda johrog mal-attrici u l-anqas wara.

Hu jghid li dejjem irrispetta hafna lill-attrici u lill-familjari taghha. Wara li zzewwgu marru joqghodu fil-fond 42, 'Marluk', Triq il-Merhba, Fgura u billi l-post kellu bzonn li jsiru certi xogholijiet ta'manutenzjoni dawn saru u hallas hu ghalihom. Hu jghid li qatt ma zamm ricevuti, dawn kienet izzommhom MaryB.

Hu jghid li lit-tifla Lisa jhobbha pero' jhoss li mhux kapaci jiehu hsiebha. Matul it-tnax il-sena taz-zwieg u dejjem ghadda flus lill-martu biex tixtri x'jieklu u biex tixtri hwejjeg ghaliha u ghat-tifla. Hu jammetti li gieli xtara xi hwejjeg u accessorji ghalih ghalkemm ma tantx johrog.

Xehed li l-inkwiet nqala' minhabba l-indhil tal-genituri ta' MaryB. Kienu huma li bdew jghidu li hu kien 'gay'mentri hu jghid li ghandu hbieb kemm rgiel kif ukoll nisa'. Jghid li l-attrici kellha vizzju wiehed li kien li dejjem riedet tohrog mal-hbieb, u l-partner li ghandha illum kien wiehed mill-klikka tal-hbieb taghha. Hu jghid li qatt ma ordnalha biex ma tohrogx u flus jghid li dejjem kien jaghtiha.

Ikkonferma li jahdem fid-Dipartiment tal-Edukazzjoni bhala cleaner u purtinar, ghamel numru ta' snin jahdem fl-iskejjel taz-Zurrieq, Kirkop u Fgura. Hu jghid li

---

[3] Fol 46.

dejjem mar ghax-xoghol ghalkemm stqarr li mhiex l-aktar haga li jiehu pjacir jaghmel f'hajtu. Il-konvenut jinsisti li kien missier l-attrici li wara li kienu zzewwgu kien qalilha li l-konvenut imbidel. Dan hu jikkontestah. L-attrici, fuq l-insistenza ta' missierha kienet talbitu biex jitlaq mid-dar.

Xehed li ma kienx jbezza' lit-tifla b'ebda mod u kull xahar kien imur biex f'idejha jaghtiha l-mija u tlettin euro manteniment.
Hu ma jifhimx kif tifla tibza' minnu ghax hu qatt ma ghamlilha xejn. Jghid li t-tifla ma tridx tkellmu, skond hu ghax xi hadd qalilha biex taghmel hekk. Hu jghid li kien hemm okkazzjoni meta kienet l-attrici li sawtet lil Lisa, kienet qabditha minn xaghrha u hu kien irrabbja u qalilha " Le, mhux hekk!". It-tifla saret taghmel kollox bhal ommha u hu jevita li jitkellem mat-tifla biex jevita l-inkwiet.

Meta kienu ghadhom jghixu flimkien hu kien jghadilha mitejn lira (LM200) fix-xahar u hu kien jhallas il-kontijiet tad-dawl u tal-ilma u cable television. Hu jghid li lit-tifla kien jixtrilha l-bzonnijiet tal-iskola kollha.

Jghid li martu MaryB kienet tmaqdru u tghid li hu ghazzien, meta kienu johorgu ma' hbieb taghhom 'deaf'. Meta t-tifla kienet tghidlu li kellha il-guh kien jaghtiha l-flus biex tixtri burger, chips u drink, jghid li qatt ma cahhadha minn xejn. Hu cahad li qatt qalilha li kien ser joqtolha. Jghid li t-tifla ma kienitx thobbu u hu ma setax jibqa' jghix ma MaryB billi kienet tistieden lil certu Matthew, kienet tqatta' hafna hin fil-kumpanija tieghu u kienet tinjora lilu.

Xehed li nefaq seba' telef Euro (€7,000) biex saru x-xogholijiet ta' manutenzjoni fid-dar u jiddispjecih li dan l-attrici ma semmiethux.

Dwar il-garage kkonferma li dan inxtara fiz-zwieg, li hu dejjem hallas il-loan u li waqt il-medjazzjoni kienu qablu li jzommu hu u jibqa' jhallas il-loan.

Ivan Cilia, ghad-**Direttur tas-Sigurta' Socjali** xehed fis-seduta tal-11 ta' Jannar 2016, mizmuma mill-Assistent Gudizzjarju.[4] Hu ezebixxa bhala Dok IC1 li juri l-ammont li tircevi l-attrici bhala pensjoni ta' dizabilita' severa. Hi tircevi fil-gimgha €99.79 pensjoni, bonus adizzjonali ta'€3.12 fil-gimgha, u cost of living bonus ta'€7.17. Ghandha ukoll bonus li jithallas kull sitt xhur f'Gunju u f'Dicembru fl-ammont ta' €135.10.

Dwar il-konvenut ezebixxa Dok IC2 li minnu jirrizulta li hu jircevi l-istess pensjoni li tircevi l-attrici ta' €99.79 u peress li d-Dipartiment kien gie notifikat bid-digriet dwar il-manteniment l-ammont ta' €37.50 qed jghaddi direttament ghand l-attrici. Apparti din r-rata l-konvenut jircevi ukoll il-bonus tal-gholi tal-

[4] Fol 65.

hajja fl-ammont ta'€4.84. Hu jiehu bonus addizzjonali ta'€3.12 u l-bonus ta' kull sitt xhur ta' €135.10.

Michelle Mallia, ghall-M**inisteru ta' Edukazzjoni u Xoghol**, xehedet fl-istess seduta,[5]dwar il-paga tal-konvenut E C. Hi ezebiet Dok MM1 l-FS3 tal-konvenut ghas-sena 2014, Dok MM2 il-payslip ta' Ottubru 2015, Dok MM3 il-patroll tat-12 ta' Novembru 2015, Dok MM4 il-payroll tat-2 ta' Dicembru 2015, u Dok MM5 il-payroll tal-31 ta' Dicembru 2015.

Il-paga tieghu hi ta'€836 kull erba' gimghat, tinqata' l-bolla fl-ammont ta'€83.62 u ghalhekk hu jircevi net l-ammont ta' €752.40.

**PC 1357 Branton Gilford,** stazzjonat l-**Ghassa ta' Rahal l-Gdid** xehed fis-seduta tal-1 ta' marzu 2016, mizmuma mill-Assistent Gudizzjarju.[6] Hu ezebixxa hames rapporti li l-attrici ghamlet fil-konfront tal-konvenut li gew immarkati Dok BG1 sa Dok BG5. Dawn ir-rapporti saru fit-2 ta' Lulju 2014, fit-28 ta' Dicembru 2014, fit-30 ta'April 2015, fit-8 ta' Gunju 2015 u fl-10 ta' Lulju 2015.

Audrey Ghigo, ghall-**HSBC Malta p.l.c**. xehedet fl-istess seduta.[7] Hi kkonfermat li kienet giet mitluba taghmel ricerka dwar il-kontijiet bankarji tal-attrici MaryB C, li saret fil-11ta' Jannar 2016 mis-sena 1997. Irrizulta li hemm dawn il-kontijiet bankarji :Savings Account Numru 087083838051 markat Dok AG1. Il-bilanc f'dan il-kont fit-8 ta' Jannar 2016 kien ta' €1,675.87.[8]; Savings Account bin-numru 087083838050, Dok AG2, li nghalaq fl-10 ta' April 2012.[9]; Term Deposit Account bin-numru 087 083838100 li nghalaq fil-21 ta' Jannar 2005 Dok AG3.[10] Nghalaq ukoll fit-23 ta' Ottubru 1998 Savings Account bin-numru 784070840, Dok AG4.[11]

Keith Grima, ghal V**entur Auto Imports** xehed fis-seduta tal-20 ta' Mejju 2016, mizmuma mill-Assistent Gudizzjarju.[12] Hu ddikjara li lill-partijiet ma jafhomx u mistoqsi dwar il-vettura TFI 438 ikkonferma li mis-sistema taghhom ma' rrizultax li l-partijiet xtraw vettura minn ghandhom. Jista' jkun li l-partijiet xtraw il-vettura taghhom minn stabbiliment iehor, ukoll bl-isem Venturs.

---

[5] Fol 66.
[6] Fol 77.
[7] Fol 78.
[8] Fol 227.
[9] Fol 244.
[10] Fol 253.
[11] Fol 255.
[12] Fol 536.

Audrey Ghigo, ghall-**HSBC Bank Malta p.l.c**. riprodotta xehedet fl-istess seduta.[13] Hi kkonfermat li giet mitluba taghmel ricerka dwar il-kontijiet bankarji li ghandhom il-partijiet. Ir-ricerka saret fil-11 ta' Jannar 2016 mis-sena 1997. F'isem E C hemm Savings Account numru 047119789050 li infetah fis-27 ta' Dicembru 2010 Dok AG5. Il-bilanc f'dan il-kont fit-8 ta' Jannar 2016 kien ta' €355.64.[14]

Ipprezentat ukoll ghala Dok AG6 Savings Account numru 784054551 li nfetah fit-2 ta' Ottubru 1993 u nghalaq fil-5 ta' Dicembru 1998 b'zero balance.[15] Dok AG7 hu Joint Savings Account numru 087062170050 li nfetah fil-25 ta' Novembru 1998. Fil-25 ta' Jannar 2016 il-bilanc f'dan il-kont kien €158.41 in debit.[16] Dok AG8 hu Joint Loan Account numru 087062170300 li nfetah fil-25 ta' Awissu 2006 u nghalaq fl-20 ta' April 2007, b'zero balance.[17] Dok AG9 hu Loan Account li thallas.L-kont hu numru 087055042300 li nfetah fil-5 ta' Dicembru 1996 u nghalaq fid-29 ta' Marzu 2006. Dok AG10[18] hu **Loan Account** numru 18027258 li nfetah fid-19 ta' April 2007, dan il-kont ghadu miftuh u fit-28 ta' Dicembru 2015, l-ammont dovut lil Bank kien ta' Euro wiehed u ghoxrin elf, tmien mija u hdax punt hamsa u sebghin **(€21,811.75).** Ix-xhud ikkonfermat li dan l-ammont ghadu dovut lill-Bank.

**KONSIDERAZZJONIJIET.**

Il-partijiet zzewwgu fis-7 ta' Novembru 1998 u kellhom tifla, Lisa, li twieldet fit-18 ta' Settembru 2001. L-attrici giet awtorizzata tipprocedi b'din il-kawza b'Digriet tal-1 ta' Gunju 2015 u r-rikors guramentat gie pprezentat fl-10 ta' Lulju 2015. L-attrici ddikjarat li l-hajja konjugali giet reza mpossibbli minhabba inkompatibilita' ta' karattru kif ukoll minhabba sevizji, theddied u ingurja gravi da parti tal-konvenut zewgha.

Il-konvenut jaqbel li ghandha tigi dikjarata s-separazzjoni personali pero'ghar-ragunijiet unikament imputabbli lill-istess attrici.

Fin-nota ta' sottomissjonijiet tieghu jiddikjara li martu MaryB hi 'ukoll responsabbli ghas-separazzjoni personali, u mhux li hu unikament responsabbli. Hu jallega li martu m'gharfitx l-obbligazzjonijiet taghha ta' mara mizzewwga u kienet tinvolvi lill-genituri taghha fil-problemi konjugali taghhom. Hu jattribwixxi

[13] Fol 537.
[14] Fol 405.
[15] Fol 408.
[16] Fol 502.
[17] Fol 525.
[18] Fol 526.

t-tkissir taz-zwieg taghhom ghall-indhil zejjed tal-genituri tal-attrici, li skond hu bdew jaqalghu l-qlajjiet fuqu li hu ‘gay’.

Irrizulta li z-zewg partijiet jsofru minn kondizzjoni ta’ nuqqas ta’ smigh; dan l-mankament incida konsiderevolment fuq il-komunikazzjoni, jew ahjar nuqqas ta’ jew insufficjenza ta’ komunikazzjoni bejniethom. Sfortunatement billi ghalihom il-Facebook hu mezz ideali ta’ komunikazzjoni, anke ghax shabhom tad-Deaf Club jarawhom, meta l-kummenti jkunu dispreggjativi jew addirittura minaccjuzi fil-konfront tal-parti l-ohra, l-konsegwenzi jistghu jkunu irreparabbli.

Skond l-attrici z-zwieg taghhom dam tnax il-sena, minn 1998 sat-2010 meta kellhom problemi fiz-zwieg taghhom. Hi ma tispecifikax x’kienu dawn il-problemi, ghalkemm iddikjarat li wara li twieldet it-tifla, fit-2001, l-konvenut kien jkun dejjem irrabjat u jaqla’ l-argumenti maghha.

Fit-2010 ddecidew li jirrikonciljaw, pero’ wara biss ftit xhur rega’ kellhom l-inkwiet billi l-konvenut kien johrog u jibqa’ barra sa tard, ma kienx jghinha fix-xoghol tad-dar u kien ikun dejjem rieqed. L-anqas meta hi kienet tkun ma tiflahx ma kien jindenja ruhhu biex jghinha.

Il-konvenut ma kienx jiehu hsieb binthom; kien ihalliha wahedha fid-dar ghall-hinijiet twal, u l-partijiet kellhom argument propju fuq hekk, tant li l-konvenut iddecida li jitlaq permanentement mid-dar konjugali.

L-attrici tiddeskrivi lill-konvenut bhala bniedem ghazzien li jiskarta x-xoghol, u jiehu ‘s-Sick Leave’ anke meta ma jkunx marid; il-konvenut jakkuza lill-attrici li ma onoratx l-obbligazzjonijiet taghha ta’ mara mizzewga.

Fil-fatt irrizulta, kemm mix-xhieda tal-attrici, kif ukoll mix-xhieda ta’ missierha, li l-konvenut tant ma kienx jaghmel xogholu sew, ta’ cleaner fl-iskejjel, li fil-vaganzi l-attrici kienet tmur tahsel hi stess ghax kienet tibza li kien ser jitlef l-impieg mal-Gvern.

Indubbjament l-gestjoni tal-finanzi tal-konjugi da parti tal-konvenut kienet cirkostanza aggravanti ghall-ahhar ghall-attrici. Hu kien jghatiha mitejn lira Maltija fix-xahar, (LM200), biex tixtri l-htigijiet kollha tal-familja, hlief il-kontijiet tas-servizzi li kien jhallashom hu, meta kellu paga ta’ sitt mitt lira maltija(LM600) fix-xahar. Izda meta gie introdott l-Euro, baqa’ jaghtiha mitejn Euro flokk mitejn liri Maltin, prattikament n-nofs ta’ dak li kien jaghtiha qabel u jippretendi li dan jserviha biex tixtri l-htigijiet kollha tal-familja. It-tnejn kienu jircevu l-Assistenza Socjali billi kienu nieqsin mis-smigh, l-attrici kienet tuza taghha biex tixtri dak li ma kienx jirrnexxhielha takkwista bil-mitejn Euro li kien

jghadilha, mentri l-konvenut il-kumplament tas-salarju u l-Assistenza Socjali li kien jircevi, kien jonfoqhom fuq il-kapricci personali tieghu.

Wara li bdiet il-kawza ta' separazzjoni, l-antagonizmu da parti tal-konvenut zdied. Hu kien ipoggi 'posts' fuq Facebook bi kliem ingurjuz u ta' theddied fil-konfront ta' martu u bintu. Kien werwer lit-tifla billi ghamel sinjali u mossi li ser joqtolha, u membri tad-Deaf Club kienu jghidulha li l-konvenut kien qed jghid li joqtolhom it-tnejn biex ma jkollux ghalfejn ihallas manteniment. Dwar dawn l-incidenti l-attrici ghamlet rapporti l-Ghassa tal-Pulizija, li gewipprezentati mill-Pulizija fis-seduta tal-1 ta' Marzu 2015 mizmuma mill-Assistent Gudizzjarju.

Il-konvenut mill-banda l-ohra jinsisti li dejjem hadem, ghalkemm mhux pjecir kbir tieghu, u hallas il-manteniment, jichad l-incidenti ta' vjolenza u jghid li lit-tifla Lisa ihobbha ghalkemm jammetti li mhux kapaci jiehu hsiebha. Jikkoncedi li kien hemm okazzjonijiet meta xtara hwejjeg u accessorji ghalih inifsu, pero' jghid li ma tantx johrog.

Ikkonsidrat;

In tema legali ssir referenza ghall-kawza fl-ismijiet **"Farrugia vs Farrugia"** deciza mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fl-24 ta' Novembru 1966 ntqal li:

"L-konflitt fil-provi huma haga li l-Qrati jridu minn dejjem ikunu lesti ghaliha. Il-Qorti ghandha tezamina jekk xi wahda miz-zewg versjonijiet, fid-dawl tas-soliti kriterji tal-kredibilita' u specjalment dawk tal-konsistenza u verosomiljanza, ghandhiex teskludi lil ohra, anke fuq il-bilanc ta' probabiltajiet, u tal-perponderanza tal-provi, ghax dawn, f'kawzi civili, huma generalment sufficjenti ghall-konvinciment tal-gudikant".

Fil-kawza fl-ismijiet "**Maria Micallef vs Giuseppe Micallef**" deciza mill-Qorti tal-Appell fil-25 ta' Mejju 1942 ntqal li:

"Biex is-sevizi, minacci, u ingurji gravi jaghtu lok ghas-separazzjoni personali, hemm bzonn generalment li huma jkunu abitwali, jew almenu ripetuti, b'mod li jirrendu impossibli l-konvivenza tal-konjugi".

Fil-kawza fl-ismijiet "**Caterina Agius vs Benedict Agius**" deciza mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fit-13 ta' Gunju 1967 ntqal li:

"Il-ligi tqieghed ghala motivi li jiggustifikaw l-azzjoni l-episodji saljenti tal-hajja konjugali u mhux incidenti ta' importanza minuri".

Fil-kawza fl-ismijiet "**Maria Mifsud vs Vincenzo Mifsud"** deciza fit-30 ta' Gunju 1961, il-Qorti ddikjarat:

"Certi fatti, kliem u modi ta' azzjoni jew atteggjamenti li jistghu irrendu l-hajja komuni nsopportabbli, huma ritenuti mid-dottrina bhala sevizji".

Ikkonsidrat;

Fil-kaz in ezami tirrizulta l-indifferenza, l-insensitivita' u l-egoizmu tal-konvenut sia fil-konfront ta' martu kif ukoll fil-konfront ta' bintu.

Hu kien insensittiv ghall-htigijiet tal-familja tieghu, naqas li jippartecipa fil-hajja konjugali u kien aktar interessat li jzomm l-maggjor parti tal-flus disponibbli ghall-kapricci personali tieghu milli jutilizzhom ghall-htigijiet tal-familja.

Kien negligenti fix-xoghol tieghu tant li l-attrici kienet tmur taghmel xogholu, tindif u hasil fl-iskejjel b'tentativ sabiex ma jigiex imkecci mill-impieg tieghu.

In oltre, l-konvenut sar aggressiv u minaccjuz fil-konfront ta' martu u bintu partikolarment bil-kummenti tieghu fuq Facebook. L-agir tal-konvenut fil-konfront ta' martu u ta' bintu sew fuq il-media socjali kif ukoll verbalment u fizikament jikkostitwixxi offizi gravi u theddid fit-termini tal-Artikolu 40 tal-Kap. 16.

Fl-istess hin il-Qorti ma rriskontratx nuqqasijiet da parti tal-attrici li jistghu jikwalifikaw bhala l-kagun tat-tkissir taz-zwieg.

Ghaldaqstant il-Qorti qed issib lill-konvenut unikament responsabbli ghat-tkissir taz-zwieg tal-partijiet.

Tenut kont il-gravita' tal-agir tal-konvenut sew fil-konfront ta' martu kif ukoll fil-konfront ta' bintu minuri, il-Qorti tqis illi jezistu l-estremi sabiex tapplika fil-konfront tal-konvenut is-sanzjonijiet kollha kontemplati fl-artikolu 48 tal-Kap. 16

**Kura u Kustodja tal-Minuri.**

Il-minuri Lisa D'Amati twieldet fit-18 t' Settembru 2001, hi ghalhekk illum ghnadha 16 il-sena.

Irrizulta abbondantement mill-provi li l-konvenut ma ghandhux relazzjoni tajba ma' bintu. Kien hemm nuqqas ta' affezzjoni u nuqqas ta' generozita' da parti tal-konvenut fil-konfront ta' bintu. Il-kummenti dispreggjattivi tieghu fuq Facebook

dwar bintu kienu ta’ hsara psikologika u traumatika ghaliha. Kien hemm ukoll l-incident fejn ghamel mossi li ried joqtolha meta kienet gejja lura mill-iskola, u t-tifla twerwret.

Il-konvenut jghid li lit-tifla jhobbha ghax ‘hi x’inhi hi bintu’ pero’ fl-istes nifs jiddikjara li mhux kapaci jiehu hsiebha. Kemm fir-risposta guramentata kif ukoll fin-nota ta’ sottomissjonijiet finali hu jiddikjara li l-kura u kustodja taghha ghandha tigi fdata lil-omm. Irrizulta li t-tifla dejjem ghixet ma’ ommha fid-dar matrimonjali u hu certament fl-ahjar interess taghha li tibqa’ tghix ma ommha.

Il-Qorti qed tiddeciedi illi l-attrici ghandha tigi affidata esklussivament bil-kura u kustodja tal-minuri.

Stante r-relazzjoni pessima ta' bejn il-missier u bintu, tenut kont l-eta' li ghandha l-minuri, il-Qorti qed tiddikjara illi fic-cirkostanzi prezenti ma hux fl-interess tal-minuri li f'dan l-istadju delikat ta' hajjitha u tenut kont li ghandha sittax-il sena, ma hux ta' gid ghall-minuri jekk tigi sfurzata tiltaqa' ma' missierha.

**Manteniment.**

L-attrici fir-rikors guramentat taghha, r-raba’ talba, qed titlob manteniment kemm ghaliha kif ukoll ghal bintha il-minuri.

Il-konvenut jammetti li ghandu jhallas manteniment ghall-minuri pero’ jinsisti li dan ghandu jigi kkalkolat fuq id-dhul limitat tieghu.

Dwar manteniment ghall-attrici hu ddikjara li din iddekadiet mid-dritt li titlob manteniment minn ghandu. Hu jghid li l-partner taghha presenti kien wiehed fil-klikka tal-hbieb taghha, jghid ukoll li kienet spiss tkun fil-kumpanija ta’ certu Matthew, pero’ dawn l-allegazzjonijiet b’ebda mod ma gew issostanzjati jew ikkorroborati.

L-attrici l-anqas ikkummentat dwar dawn l-allegazzjonijiet, pero’ fin-nota ta’ sottomissjoniet finali taghha,[19] ttrattat biss t-talba ta’ manteniment ghall-minuri u ma ghamlet ebda sottomissjoni dwar manteniment ghaliha.  Il-Qorti fehmet illi stante li l-attrici tahdem ma hiex qed tinsisti dwar kundanna ta' hlas ta' manteniment ghaliha personalment.

[19] Fol 556.

B-Digriet tat-30 ta' Settembru 2015,[20] din il-Qorti ordnat li 'pendente lite' il-konvenut ihallas lill-attrici manteniment ghall-minuri Lisa l-ammont ta' mija u hamsin ewro (€150) kull erba' gimghat, b'effett mill-1 ta' Jannar 2015, li jinkludi spejjes ta' edukazzjoni u sahha tal-minuri, li jizdied kull sentejn skond l-indici tal-gholi tal-hajja u li dan jitnaqqas direttament mis-salarju jew beneficcji socjali li jircevi l-konvenut.

Irrizulta li l-konvenut ghandu paga netta ta' €752.40 kull erba' gimghat u jircevi €453.08 kull erba' gimghat bhala beneficcji u assistenza socjali. Dan ifisser li kull erba' gimghat l-kovenut bejn paga u beneficcji socjali jircevi l-ammont ta'€1,205.48 kull erba' gimghat.

It-tifla illum ghandha sittax il-sena u ghalhekk jixraq li l-manteniment jigi awmentat ghal mitejn u hamsin ewro (€250) kull erba' gimghat, li jinkludi spejjes ordinarji ta'edukazzjoni u sahha tal-minuri, li jizdied kull sena l-indici tal-gholi tal-hajja u li jithallas direttament lill-attrici mis-salarju jew beneficcji socjali li jircevi l-konvenut, u dan b'effett millum. Fir-rigward tal-manteniment antecedenti s-sentenza odjerna, l-Qorti tordna li dan ghandu jibqa' regolat bid-digriet moghti pendente lite.

**Id-Dar Matrimonjali.**

Mhux kontestat mill-partijiet li d-dar matrimonjali, 42, Marluk, Triq il-Merhba, Fgura, hi propjeta' parafernali tal-attrici. B'kuntratt pubblikat fid-29 ta' Mejju 1997, Dok MGD2, minn Nutar Dottor Pierre Cassar, l-genituri tal-attrici assenjaw b'titolu ta' donazzjoni lill-binthom l-attrici din il-propjeta'. Il-partijiet izzewwgu fis-7 ta' Novembru 1998.

**Komunjoni tal-Akkwisti.**

L-assi tal-komunjoni tal-akkwisti huma s-segwenti:

1. L-vettura Toyota Vitz numru TFI 438. Din nxtrat waqt iz-zwieg, u tinsab fil-pussess tal-konvenut. Hemm xi bilanc li ghadu dovut lill-Bank.
2. L-vettura Toyota Vitz numru DBT 654 li nxtrat nofs mill-attrici u nofs minn missierha Mario Micallef.
3. Garage numru 2, Triqil-Vennewwa, Fgura, li nxtara waqt z-zwieg bil-prezz ta' LM10,000 sar self mill-Bank u ghadu dovut l-ammont ta'€21,811.75. Dan gie ikkonfermat min Audrey Ghigo meta xehedet fis-seduta tal-20 ta' Mejju 2016.

[20] Fol 54.

L-attrici tipproponi fin-nota ta’ sottomissjonijiet finali taghha, li l-vettura TFI 438 tigi assenjata lill-konvenut li ghandu jhallas il-bilanc tal-prezz; li l-vettura DBT 654 tigi assenjata lilha u m’ghandhiex oggezzjoni li l-garage jigi assenjat lill-konvenut purche’ tithallas bhala refuzjoni sehemha mill-pagamenti li saru waqt iz-zwieg cioe’€594.15.

Il-konvenut, fin-nota tal-osservazzjonijiet finali tieghu prattikament jaqbel ma' dak propost mill-attrici, pero’ talab li jinghata nofs r-ritratti tat-tieg.

Din it-talba tista’ tigi milqugha anke ghalhiex jistghu jsiru kopji tar-ritratti u mhux semplicement divizjoni tar-ritratti tat-tieg li ghandha l-attrici.

Dwar il-garaxx il-Qorti qed tiddeciedi tenut kont tal-konvergenza tal-partijiet fir-rigward fis-sens li sehem l-attrici mill-garaxx jigi assenjat lill-konvenut; bil-kondizzjoni illi l-konvenut jassumi wahdu kwalunkwe dejn li ghadu jaggrava l-imsemmi fond; bil-kondizzjoni illi l-konvenut ihallas lill-attrici s-somma ta' €594.15 kif fuq spjegat; u li l-attrici tigi mehlusa minn kwalunkwe ipoteka generali fir-rigward tal-facilita' bankarja maghmula in konnessjoni mal-akkwist ta' dan il-garaxx.

L-komunjoni tal-akkwisti ghalhekk qed tigi diviza kif gej:

Lill-attrici qed tigi assenjata l-vettura Toyota Vitz numru ta’ registrazzjoni DBT 654.
Lill-konvenut qed tigi assenjata l-vettura Toyota Vitz numru ta’ registrazzjoni TFI 438 bl-obbligu li jhallas l-bilanc tal-prezz li ghadu dovut.
Lill-konvenut qed jigi assenjat il-garage bl-obbligu li jirrifondi lill-attrici l-ammont ta’ €594.15 u li jkompli jhallas personalment l-ammont li ghadu dovut lill-Bank bil-kondizzjoni li l-attrici tigi rilaxxjata mill-obbligazzjonijiet minnha assunti favur il-bank li tonora il-hlas lura tas-self.

Il-konvenut ghandu jinghata kopji tar-ritratti tat-tieg a spejjes komuni.

**DECIDE.**

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti qed taqta’ u tiddecidi l-kawza u tichad u tilqa' l-eccezzjonijiet tal-konvenut konformement ma' dak hawn deciz billi;:

1. Tilqa’ l-ewwel talba tal-attrici u tiddikjara s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti u dan ghar-ragunijiet unikament imputabbli lill-konvenut minhabba ingurji gravi u theddid fil-konfront tal-attrici u ta' bint il-partijiet;

2. Tilqa’ t-tieni talba tal-attrici u tiddikjara li l-konvenut ddekada minn kull dritt li jitlob manteniment mill-attrici;

3. Tilqa’ t-tielet talba attrici, tiddikjara xjolta l-komunjoni tal-akkwisti gia’ esistenti bejniethom, tillikwida u tiddividi l-istess kif indikat ‘supra’ taht l-intestarua "Komunjoni tal-Akkwisti". Dwar il-garaxx internament markat bin-numru tnejn (2), sitwat fil-livell semi-basement, Triq il-Venewwa, Fgura, il-Qorti, wara li hadet nota tat-talbiet tal-partijiet fir-rigward, tordna li sehem l-attrici mill-garaxx de quo jigi assenjat lill-konvenut; bil-kondizzjonijiet illi (i) il-konvenut jassumi wahdu kwalunkwe dejn li ghadu jaggrava l-imsemmi fond; (ii) il-konvenut ihallas lill-attrici s-somma ta' €594.15 kif fuq spjegat; (iii) l-attrici tigi mehlusa minn kwalunkwe ipoteka generali fir-rigward tal-facilita' bankarja maghmula in konnessjoni mal-akkwist ta' dan il-garaxx'; u (iv) tali assenjazzjoni qed issir in sodisfazzjon ta' kull pretensjoni tal-konvenut fil-konfront tal-attrici u/jew tal-komunjoni tal-akkwisti. Ghal dan il-ghan qed tinnomina lin-Nutar Dr Edward Flores sabiex jippubblika l-att relattiv u lil Avukat Dr. Victoria Cuschieri ghall-eventwali kontumaci;

4. Tilqa’ in parti r-raba’ talba tal-attrici u tordna lill-konvenut ihallas lill-attrici manteniment ghall-minuri Lisa fis-somma ta' mitejn u hamsin ewro (€250) kull erba’ gimghat b’effett millum, li jinkludi l-ispejjes ordinarji ta’ edukazzjoni u sahha tal-minuri, liema manteniment jizdied kull sena skond l-Indici tal-gholi tal-hajja u jithallas direttament mis-salarju jew beneficcji socjali li jircevi l-konvenut; il-manteniment tal-minuri pagabbli mill-konvenut lill-attrici qabel id-data tallum jibqa' regolat bid-digriet pendente lite tat-30 ta’ Settembru 2015; l-ispejjes straordinarji ta’ mard u edukazzjoni tal-minuri jinqasmu ugwalment bejn i-partijiet; il-manteniment hawn ordnat jibqa' jithallas wara li l-minuri taghlaq tmintax-il sena jekk tkun studenta *full-time* u dan sakemm taghlaq 23 sena;

5. Tilqa’ l-hames talba attrici u tiddikjara li l-fond Marluk, 42, Triq il-Merhba Fgura hu propjeta’ parafernali tal-attrici;

6. Tilqa’ s-sitt talba tal-attrici u tawtorizzaha tabita fl-imsemmi fond flimkien ma' bintha ad eskluzjoni tal-konvenut;

7. Tilqa’ s-seba talba tal-attrici u tapplika kontra l-konvenut is-sanzjonijiet kollha kontemplati fl-artikolu 48 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta’ Malta;

8. Tilqa’ t-tmien talba tal-attrici u tordna l-hrug ta’ Ordni ta’ Protezzjoni kontra l-konvenut favur l-attrici u bintha l-minuri Lisa, ghall-protezzjoni u sigurta’ taghhom fit-termini tal-Artikolu 39 tal-Kodici Civili, Kap 16 tal-Ligijiet ta’ Malta. b'dan illi l-konvenut huwa projbit milli b'xi mod, direttament jew

indirettament jaghmel kuntatt mal-attrici u ma' bint il-partijiet inkluz fuq il-medja socjali u tiprojbih milli b'xi mod isemmihom fuq il-media socjali.

Bl-ispejjez kontra l-konvenut.

**Imhallef** **Deputat Registratur**